**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ____________________________ **Klassi:** ___________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDATI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 20 | 4 | 8 | 30 | 20 | 10 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***



## Is-Suċċess Possibbli?

Is-seħer tal-kelma suċċess timraħ fil-moħħ ta' kull persuna. Huma ħafna l-affarijiet jew valuri li jagħtu direzzjoni lill-ħsieb tal-bniedem. Min jiġri wara l-unuri, wara l-ġid spiritwali jew materjali. Min jiġri wara x-xogħol. Kulħadd jiġri wara l-għan li fuqu jkun fassal is-sistema tal-ħajja li jgħix. Hemm id-dinamiżmu tal-ħajja. Kulħadd jixtieq li ħajtu tkun ta' sodisfazzjon għalih personali jew inkella għas-soċjeta`. Inħoss li meta wieħed jitlef dan is-sens ta' dinamiżmu, tibda r-rotta tat-telqa u l-qtigħ il-qalb tal-ħajja. Jibda jidħol dak is-sens ta' indifferenza li jkisser il-ħajja ta' kull persuna. *(par. 1)*

Quddiem din id-dehra, tajjeb li nżommu quddiem għajnejna l-valur tas-suċċess tal-ħajja. Is-suċċess hu triq miftuħa għal kulħadd? Kif issemmi l-kelma suċċess, ħafna jaħsbu f'dawk in-nies kbar li ħallew isimhom imniżżel fl-istorja ta' l-umanita`. Oħrajn jorbtu s-suċċess fil-ħajja mal-karriera brillanti ta' artisti ċelebri. Jiena norbot il-kunċett tas-suċċess mal-parabbola tat-talenti. Alla jqassam lil kulħadd doni u kapaċitajiet individwali u partikulari. Huma dawn il-kapaċitajiet li jirrendu lill-bniedem is-suċċess fil-ħajja tiegħu*. (par. 2)*

Kulħadd għandu xi kapaċitajiet. Dawn jistgħu jkunu spiritwali, tekniċi, jew intellettwali. Aktar ma noħorġu minn ġo fina dawn il-kwalitajiet sbieħ u aktar ma nippruvaw nipperfezzjonawhom, aktar ikun is-suċċess u s-sodisfazzjon tagħna fil-ħajja. Dan hu l-garanzija ta' kull suċċess. L-għażż u l-indifferenza huma l-għedewwa tal-progress u tas-suċċess. *(par. 3)*

Hawnhekk tidħol l-importanza tal-ġenituri u ta' l-edukaturi fil-ħajja u s-suċċess. Xogħolhom hu li jiskopru dawn it-talenti, possibbilment sa minn eta` żgħira. Imbagħad jibda x-xogħol li jiżviluppa dawn il-kapaċitajiet individwali b'mod pożittiv, impenjattiv, permezz ta' inċentivi, u fuq kollox bl-apprezzament. Kif nistgħu niskopru dawn it-talenti? L-imġiba hi l-espressjoni tal-moħħ u tal-qalb. Għalhekk irridu dejjem nistudjaw l-imġiba ta' wliedna għax din turina d-direzzjoni tal-kapaċitajiet intellettwali u tekniċi tagħhom. Waqt il-logħob nistgħu nikxfu t-talenti fit-tfal iż-żgħar tagħna. Fl-imġiba mal-ħbieb nistgħu ninnutaw f'uliedna mfarfrin, talenti ta' *leadership*, ta' *management* u ta' avventura. *(par. 4)*

Mela s-suċċess mhux monopolju ta' ftit nies. Teoretikament, is-suċċess fil-ħajja hu possibbli għal kulħadd. Anzi, hu dritt ta' kull individwu. Dan id-dritt ta' suċċess hu konsegwenza loġika għall-prinċipju fundamentali li kulħadd għandu t-talenti u kapaċitajiet x'joffri. *(par. 5)*

(taqsir u addattament mill-ktieb *Mill-KitbaTiegħi Għalik* ta' Stanley Mangion)

| A. FEHIM IT-TEST | *(8 marki)* |
|---|---|

1. Skond l-awtur, x'xewqa komuni hemm fil-bnedmin? *(par. 1)*

_______________________________________________

_______________________________________________ **(marka)**

2. X'jista' jikkaġuna l-indifferenza f'persuna? *(par. 1)*

_______________________________________________ **(marka)**

3. X'jirrendi suċċess fil-ħajja ta' individwu? *(par. 2)*

_______________________________________________ **(marka)**

4. Kif nistgħu nżidu s-suċċess u s-sodisfazzjon fil-ħajja? *(par. 3)*

_______________________________________________

_______________________________________________ **(marka)**

5. Fisser kif jistgħu jkunu żviluppati l-ħiliet li nikxfu fit-tfal. *(par. 4)*

_______________________________________________ **(marka)**

6. Xi kwalitajiet jikxfu r-relazzjonijiet li t-tfal ikollhom mal-ħbieb? *(par. 4)*

_______________________________________________ **(marka)**

7. X'tifhem bil-kliem *"Mela s-suċċess mhux monopolju ta' ftit nies"*? *(par. 5)*

_______________________________________________

_______________________________________________ **(2 marki)**

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | *(20 marka)* |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Wieġeb kif mitlub/a: **(5marki)**

| | |
|---|---|
| i. il-plural sħiħ ta' *ħsieb* | i. |
| ii. aġġettiv minn *soċjeta`* | ii. |
| iii. is-superlattiv ta' *tajjeb* | iii. |
| iv. il-5 forma tal-verb *jiġri* | iv. |
| v. nom astratt minn *individwali* | v. |

2. Sib u ikteb: **(4 marki)**

i. verb trux minn paragrafu 1 ______________________________

ii. parteċipju passiv minn paragrafu 2 ______________________________

iii. frażi fl-istat kostrutt minn paragrafu 1 ______________________________

iv. partiċella bil-pronom mehmuż minn paragrafu 3______________________

3. *ma qatax qalbu.* Ikteb pronom flok *qalbu* u ehmżu mal-verb *qatax* :

*ma*________________________________________ **(marka)**

## LESSIKU / VOKABULARJU

4. Flok *l-awtur għamel domanda* nistgħu niktbu *l-awtur għamel mistoqsija*. X'sinonimi nistgħu niktbu flok il-kliem miktub korsiv?

   a) *il-valur* tas-suċċess *(par. 2)*: ________________ tas-suċċess.

   b) artisti *ċelebri (par. 2)*: artisti____________________ **(2 marki)**

5. Aktar ma *noħorġu minn ġo fina…(par. 3).* Agħti kelma waħda għall-kliem miktub korsiv: Aktar ma ____________________________ **(marka)**

## ANALIŻI TESTWALI

6. *Għalhekk **irridu dejjem** nistudjaw l-imġiba ta' wliedna...(par. 4).* L-espressjoni miktuba b'tipi skuri turi: a) xewqa __; b) għażla __; ċ) ħtieġa __; d) kmand__. **(marka)**

7. *Xogħolhom hu li jiskopru dawn it-talenti. (par. 4)* Ikteb iż-żewġ nomi li għalihom qed jirreferi l-pronom ***hom*** fil-kelma *xogħol**hom***.

__________________ __________________ **(marka)**

8. *Is-suċċess fil-ħajja hu possibbli għal kulħadd. Anzi hu dritt ta' kull individwu.* Liema kelma tenfasizza ċ-ċertezza ta' l-awtur f'dak li qed jgħid?

__________________ **(marka)**

**SINTASSI**

9. Għaqqad l-aħħar żewġ sentenzi ta' paragrafu 2 f'sentenza waħda, mingħajr ma tibdel is-sens u mingħajr l-użu tal-konġunzjoni ***u***.

______________________________________________________________

______________________________________________________ **(2 marki)**

10. Ikteb din is-sentenza fil-vuċi attiva: *Ħafna kienu t-tfal li ġew mogħtija sapport, u kienu msaħħa bil-pariri tal-ġenituri u ta' l-edukaturi.*

______________________________________________________________

______________________________________________________ **(2 marki)**

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI *(4 marki)*

**IDJOMI, QWIEL, VERBI FRAŻJALI ....**

1. *Ħafna **jaħsbu f'** dawk in-nies kbar……(par. 2)* Flok il-kliem miktub b'tipi skuri, ikteb idjoma li toħroġ l-istess sens:

   *Ħafna* ______________________________ *dawk in-nies kbar……* **(2 marki)**

2. *Alla jqassam lil kulħadd doni u kapaċitajiet individwali…… (par. 2)* Liema qawl ifakkarna li Alla setgħan u jaħseb f'kollox u f'kulħadd?

   ______________________________________________________ **(2 marki)**

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(8 marki)*

Agħżel **WAĦDA** minn ***a*** u ***b*** u ikteb madwar 80 kelma fuq karta separata:

a) Ikteb ittra lill-editur tal-gazzetta *Spartana*, li fiha tifraħ u tħeġġeġ iktar lil żagħżugħ/a li għadu/ha kemm kiseb/kisbet suċċess f'kompetizzjoni sportiva.

b) Imla dawn iż-żewġ punti minn kwestjonarju li bagħtitlek l-*Għaqda Drama u Żfin Artistiku*.
   i) Semmi żewġ aspetti li tħoss li żammew lil din l-għaqda tad-drama milli tikber u tiżviluppa;
   ii) Ikteb 6 suġġerimenti li tħoss li jistgħu jgħinu lill-għaqda tikseb is-suċċess mixtieq.

**E. LETTERATURA: QAWSALLA** ***(30 marka)***

**(i) Aqra din is-silta minn *Niftakar* ta' Anton Buttigieg u wieġeb:**

id-dija u d-dawl tal-parilja,
il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
sbuħitna,
mħabbitna:
u xita ta' ross
li niżlet għal fuqna bla ħoss;
imb'għad ix-xampanja
li tfawwar bil-qawwa,
bir-ragħwa,
u l-kejk qisu torri bajdan,
u l-foxtrot, u t-tango, u l-waltzer,
u s-sakra u ż-żifna
tal-qraba u l-ħbieb;
u mb'għad qajla qajla
ftit ftit qabdu l-bieb,
u bqajna ġo darna
fid-dawl tal-Madonna
weħidna flimkien
jien u int
u int u jien;
u jien kollni tiegħek,
u int kollok tiegħi,
bħal Eva u Adam:
qalb waħda, nifs wieħed,
int rieqda, jien rieqed,
u l-ħolma ta' hena,
ta' ferħ, ta' tgawdija,
ta' dawl u ta' dija,
ta' ġid u ta' sliem
bla tmiem!



*Minn pittura ta' Charles E. Halle`*

1. Liema ġrajja f'ħajjet il-poeta tfakkar din is-silta ta' fuq?

______________________________________________________ **(marka)**

2. Sib vers mis-silta li jqanqal fina sens ta' moviment, ferħ u allegrija.

______________________________________________________ **(marka)**

3. Il-poeżija ***Niftakar*** tissejjaħ: a) nostalġija ☐; b) bijografija ☐; ċ) eleġija ☐; d) narrattiva ☐ **(marka)**

4. Mis-silta, sib u ikteb: a) tixbiha (similitudni)_________________

   b) metafora _________________________

   ċ) epiżewski ________________________ **(3 marki)**

5. Ikteb żewġ versi mis-silta li juru li l-poeta ttama f'ġejjieni sabiħ u qatt ma ħaseb f'dak li kellu jseħħ wara.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

___________________________________________________________ **(2 marki)**

6. Ikkummenta dwar a) l-għamla tal-versi; b) ir-ritmu tas-silta; ċ) il-vokabularju tas-silta:

a)__________________________________________________________________

b)__________________________________________________________________

ċ)__________________________________________________________________

___________________________________________________________ **(3 marki)**

7. X'kuntrast tara bejn ix-xeni u l-vokabularju fis-silta ta' fuq, u dawk tat-tieni taqsima ta' ***Niftakar***?

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

___________________________________________________________ **(3marki)**

**(ii) Wieġeb mistoqsija *WAĦDA* u ikteb f'għamla ta' komponiment ta' madwar 200 kelma fuq karta separata:** ***(16-il marka)***

a) Fix-xogħlijiet bit-tema *Tifkiriet*, il-kittieba jġeddu kemm memorji ta' esperjenzi sbieħ kif ukoll ta' oħrajn koroh. Ikkummenta.

b) B'referenza għal xi kitbiet f'**Qawsalla** bit-tema *Karattri*, ikteb dwar xi karattri varjati li laqtuk.

ċ) Il-biċċa l-kbira tal-kitbiet bit-tema *Ġrajja u Identita`* juru kif il-ġrajja ta' Malta tirrifletti l-imħabba patrijottika u s-sens ta' sagrifiċċju tal-Maltin. Ikkummenta b'referenza għal xi xogħlijiet minn **Qawsalla**.

## F. KOMPONIMENT ***(20 marka)***

Agħżel **wieħed** u ikteb daqs **350 kelma** fuq karta separata:

i. Nixtieq nivvinta jew niskopri xi ħaġa ġdida.

ii. Li kelli nfassal ħajti mill-ġdid.

iii. M'hemmx suċċess bla ħidma. Iddiskuti.

iv. Xogħol, professjoni jew negozju li nixtieq ikolli.

v. Irrakkonta dwar student/a li għamel/let suċċess minkejja d-diżabilita` li kellu/ha.

vi. Iz-ziju kien emigra lejn l-Awstralja b'ta' fuqu senduqu. Ħadem u ħabrek u sar nies.